MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 278/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Generoso Barbara**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezakuttiva kontra Generoso Barbara talli fl-10 ta’ Ottubru 2002, ghall-habta tas-7.15am, waqt li kien fl-inhawi ta’ Birzebugia barra mill-istagun maghluq ghall-kacca ta’ l-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkacja, jew ipprova jikkacja, ghal xi ghasfur (baghdam) jekk (*sic!*) ma kienx ghasfur li mhux imsemmi fl-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti tal-A.L. 146 ta’ l-1993, u dan bi ksur tar-regolament 9(1)(b) tal-A.L. 146 ta’ l-1993; l-ewwel qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzi tal-kacca (tal-persuna misjuba hatja) ghal mhux inqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Generoso Barbara hati skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tlett mitt lira (Lm300), ordnat il-konfiska ta' l-arma tan-nar (formalment ezibita) u ssospendiet il-licenzji kollha tal-kacca ta' l-istess Barbara ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Generoso Barbara, minnu prezentat fil-15 ta' Novembru, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa, bazikament, li ma kienx hu li spara (bla ma laqat) fuq il-baghdam. Huwa jikkontendi li l-ewwel qorti ma apprezzatx tajjeb il-provi li kellha quddiemha li kienu jindikaw pjuttost li kienet persuna ohra – persuna li l-pulizija rawha tahrab minn fuq il-post – li kienet hekk sparat.

Huwa veru li bejn id-deposizzjoni ta' PC 305 Alfred Gauci u dik ta' PC 220 Lawrence Cardona hemm diskrepanza sinjifikanti. Filwaqt li Gauci jghid li kien hemm persuna li telqghet tigri u li ma inqabditx, u li lill-appellant sabu gewwa jew vicin ta' dura, Cardona baqa' jinsisti li Gauci kien qabad lil dik il-persuna li huma kienu raw tigri minn fuq il-post minnufih wara li nsetmghu tiri li kjarament kienu indirizzati ghall-baghdam. Din il-Qorti, pero`, wara li semghet lill-appellant jixhed minn jeddu fl-udjenza tal-10 ta' April, 2003, hija konvinta li l-appellant verament spara fuq il-baghdam. Huwa pprova jiggustifika l-ghemil tieghu billi jghid li ghalih dak l-ghasfur li spara fuqu kien gamiema u mhux baghdam. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tvarja l-konkluzjoni ta' l-ewwel qorti ghar-rigward tas-sejbien ta' htija.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti tosserva li mid-data tal-kummissjoni tar-reat *de quo* sal-lum ir-regolament 25 ta' l-Avviz Legali 146 ta' l-1993 inbidel b'tali mod li din il-Qorti

hi obbligata li tapplika l-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali. Dana l-artikolu jipprovdi li *"Jekk il-piena stabbilita mill-ligi li tkun issehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet issehh fiz-zmien li sar ir-reat ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena l-anqas gravi."* Fil-kaz in dizamina, r-regolament 25 kif kien fiz-zmien li sar ir-reat kien jipprospetta fil-kaz ta' l-ewwel reat, minbarra multa ta' mhux anqas minn hamsin lira izda mhux aktar minn hames mitt lira, anke l-konfiska ta' l-arma u s-sospenjoni tal-licenzja tal-kacca (ara l-paragrafi (2)(a) u (3) tal-imsemmi regolament kif kienu qabel l-emendi intodotti bl-A.L. 41/2003). Bl-Avviz Legali 41/2003 ghall-ksur tar-regolament 9(1)(b) m'ghadhiex tapplika l-konfiska ta' l-arma u s-sospensjoni tal-licenzja, izda tapplika biss il-multa ta' mhux anqas minn hamsin lira izda mhux aktar minn hames mitt lira (ara r-regolament 25(3)(a) kif inhu llum). Peress li din il-Qorti hi obbligata li tapplika l-ligi kif joghgbu jaghmilha l-legislatur, ifisser li f'dan il-kaz trid ittir mill-piena kif erogata mill-ewwel qorti il-konfiska ta' l-arma tan-nar u s-sospensjoni tal-licenzji tal-kacca ghall-periodu ta' sena. Jerga jigi precizat li dan il-Qorti qed taghmlu mhux ghax l-ewwel qorti ma kienitx korretta fl-applikazzjoni tal-piena izda ghax nel frattemp il-piena inbidlet mill-legislatur u ghalhekk irid jinghata effett ghall-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska tal-arma tan-nar (formalment ezibita) kif ukoll fejn issospendiet il-licenzji kollha tal-kacca ta' l-appellant ghal periodu ta' sena; izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------